**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta’ Frar 2025**

Rikors Numru: 618/2024 AL

AB

U

CD

(M.R. Numru 836/2018)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors kongunt li gie kkonfermat bil-gurament mill-partijiet li permezz tieghu esponew:

1. Illi r-rikorrenti żżewġu nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April, tas-sena elfejn u tmintax (2018) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **'Dok A'**

2. Illi r-rikorrenti minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal,

3. Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn xulxin mis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u legalment

separati minn xulxin mid-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) b'kuntratt redatt fl-atti tan-Nuttar Dottor Sharon Faith Farrugia illi jinsab hawn anness u mmarkat bhala **'Dok B'**;

4. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u bir-rispett jitlobu lil din l- Onorabbli Qorti sabiex:

i. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

ii.Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill- istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rt l-affidavits bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta’ Jannar 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi

l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Lulju 2024 u *de facto* separate mis-27 ta' Dicembru 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.